MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru. 738/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Romina Veneziani**

**vs**

**Clayton Cremona**

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat Clayton Cremona ta' 20 sena, ta' 20 sena, bint Frans Xavier u Theresa nee Attard, imwieled Pieta nhar is-26 ta' Awissu 1985 u residenti gewwa 4, Triq il-Bilbla, Mosta, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 442185M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

talli nhar l-19 ta' Mejju 2006 u matul il-gimghat ta' qabel, f'dawn il-gzejjer ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat (licenzja tat-triq ta' karozza)

u dan ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikoli 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 dwar Vetturi bil-mutur (A.L. 128/1994) u tal-Artikoli 15 (1) b tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw u xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan ai termini tal-Artikolu 183 u ta' l-Artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer saq vettura Nru BAJ 398 mhux licenzjata mill-Awtorita tat-Transport Pubbliku jew mill-Kummissarju tal-Pulizija;

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Kap. 446, Sez 7, meta kien gie misjub hati ta' reat u kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal zmien sena (1) taht supervizzjoni ta' probation officer, mid-datat tas-sentenza tas-27 ta' Frar, 2006, moghtija mill-Magistrat Dr L Quintano LL.D. (Qorti tal-Magistrati ta' Malta);

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika wkoll l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta' Lulju 2006 (esebit a fol. 29 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu

jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fid-19 ta' Mejju 2006 ghall-habta tal-10.00pm, fix-Xatt ta' Tas-Sliema, zewg Pulizija tal-Mobile Squad, PS 1191 u PC 702 waqfu vettura li kellha n-numru tar-registrazzjoni BAJ 398 ghaliex dehrilhom li s-sewwieq kien qed jagixxi b'mod suspettuz u meta huma vverifikaw mal-Control Room irrizultalhom li din il-vettura ma kellhiex licenzja mhallsa. Meta l-Pulizija ghamlu search fil-vettura setghu jaraw li il-licenzja li kien hemm imwahhla mal-windscreen kellha n-numru tar-registrazzjoni imbaghbas stante li n-numru li kien hemm miktub precedentement kien imhassar u kien hemm miktub numru iehor li kien BAJ 398 fuqu. Minn aktar investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija rrizulta li d-dokument kien ta' vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni BBK 463. Id-dokument relattiv jinsab inserit in atti a fol. 19. L-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija inserita a fol. 24 u 25 tal-process ikkonferma li kien hu li kien irranga d-dokuemnt in dizamina izda ma tax spjegazzjoni il-ghala kien ghamel hekk u sostna li kien sab din il-licenzja fit-triq u gabarha u mbaghad biddel in-nurmu li kien jidher fuq il-licenzja u wahlu mal-windscreen tal-vettura tieghu.

Illi f'dawn il-proceduri xehdu z-zewg Pulizija tal-Mobile Squad li kienu waqfu lill-imputat li t-tnejn identifikawh bhala l-persuna li kienu waqfu fid-data ndikata fl-akkuza u kkonfermaw li d-dokument inserit a fol. 19 tal-process kien imwahhal mal-windscreen tal-vettura misjuqa mill-imputat. Illi fl-istqarrija minnu rilaxxjata l-imputat ikkonferma li kien bidel bil-biro dan in-numru tar-registrazzjoni li kien hemm fuq il-licenjza li sab barra t-triq u ghalhekk il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat wettaq il-falsifikazzjoni addebitata lilu permezz tal-ewwel akkuza

u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat hati tal-imsemmija akkuza.

Illi huwa evidenti li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza li taghha l-imputat qieghed jinstab hati u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dn l-akkuza.

Illi t-tielet akkuza migjuba fil-konfornti tal-imputat wkoll tirrizulta pruvata mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati ta’ din l-akkuza.

Illi permezz tar-raba’ akkuza l-imputat jinsab akkuzat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ Probation Order moghti permezz tas-sentenza tas-27 ta’ Frar 2006 izda il-Prosekuzzjoni naqset milli tiproduci kopja tal-imsemmija sentenza u ghalhekk l-imputat ser jigi dikjarat mhux hati tal-imsemmija akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet billi mal-ewwel ammetta li kien hu li rranga u biddel il-licenzja li tifforma l-mertu tal din il-kawza u ghalhekk jidrilha li m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll ir-Regolamenti 17 u 31 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar Vetturi bil-Mutur (AL128/1994) il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tnax (12) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ tmintax (18) il-xahar millum. Stante li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’ akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------